***MLT***

L-Għaqda Każini tal-Banda ġiet imwaqqfa fl-1947, li l-għan ta' din l-Għaqda hu li tieħu ħsieb l-interessi tal-Għaqdiet imsieħba billi:

- Issostni u ssaħħaħ ir-relazzjoni bejn l-għaqdiet mużikali li huma membri tal-għaqda
- Tgħin fil-bżonnijiet ġenerali tagħhom u titratta problemi u diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom
- Taħdem sabiex ittejjeb il-livell ta' tagħlim u apprezzament tal-arti mużikali fil-każini tal-banda f'Malta

L-Għaqda hi purament volontarja u l-ħidma tagħha ma tħalli l-ebda profitt mill-attivitajiet organizzati minnha.

**SKEMA TA' GĦAJNUNA FINANZJARA GĦAS-SOĊJETAJIET MUŻIKALI**

Il-Kunsill Malti għall-Arti dejjem għaraf l-importanza li għandhom is-soċjetajiet tal-banda fi ħdan l-Għaqda Każini tal-Banda, mhux biss fit-tkattir tal-kultura mużikali imma ukoll fil-ħarsien u t-tisħiħ tat-tradizzjonijiet kulturali f'pajjiżna. Dan kollu jsir primarjament fuq bażi volontarja u għalhekk sabiex isaħħaħ il-ħidma kontinwa ta' dawn is-Soċjetajiet, għat-tielet sena konsekuttiva qiegħdin innidu l-iskema bl-isem "NGĦINU FINANZJARJAMENT LIS-SOĊJETAJIET TAL-BANDA". Bħala parti mill-Programm ta' Kollaborazzjoni u Tisħiħ Implimentattiv, din l-iskema qegħdha tiġi amministrata mill-Għaqda Każini tal-Banda bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Arti fi ħdan l-istess Ministeru tal-Ġustizzja u Kunsilli Lokali.

F'bosta bliet u rħula, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, is-soċjetajiet tal-Banda huma parti integrali fil-qasam soċjali u kulturali ta' pajjizna. L-attività ta' dawn is-soċjetajiet bandistiċi ġewwa l-każini kif ukoll fl-imħażen tagħhom ma tieqaf qatt. Għalkemm l-għan prinċipali jibqa' dejjem it-tagħlim tal-mużika, li dan jingħata minn bosta soċjetaijiet mingħajr l-ebda ħlas lil bosta tfal u żgħażagħ, hemm ukoll is-sengħa u l-arti tal-armar kemm dak antik u anke dak li sar f'dawn l-aħħar snin li prinċipalment jintuża fil-ġranet tal-festi jew f'xi okkażjoni tal-komunità. Huwa fatt li dawn is-soċjetajiet huma kontinwament impenjati b'attivitajiet oħra ta' natura kulturali u anke tradizzjonali, bħal kunċerti mużikali, tisbiħ fil-każin, kif ukoll wirjiet f'okkażjonijiet differenti matul is-sena. Dawn l-attivitajiet mhumiex biss marbutin mal-festi kattoliċi, iżda ukoll produzzjonijiet orġinali ta' mużika, restawr ta' armar eżistenti, u pubblikazzjonijiet annwali tagħhom li kollha huma xhieda ta' kemm huma importanti s-soċjetajiet tal-banda ġewwa pajjiżna. Madanakollu, il-qofol tal-attività tagħhom jibqgħu l-festi tagħna li fihom nfushom huma xhieda tal-kultura ta' pajjiżna. Id-daqq tal-marċi mill-baned tradizzjonali, l-armar hekk sabiħ, il-piroteknika u s-sens ta' komunità fil-festi tagħna huma evidenza ċara ta' impenn kontinwu ta' dawn is-soċjetajiet. Is-soċjetajiet tal-Banda, li huma reġistrati mal-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Volontarjat, jagħmlu dan għal fini ta' trasparenza u governanza korretta. Għalkemm l-maġġor parti għandhom binijiet sbieħ, li uħud minhom huma antiki, fihom jinsab patrimonju vast magħmul minn ħafna oġġetti ta' valur storiku fosthom; il-mużika, l-instrumenti, l-armar u affarijiet oħrajn.

Wara s-suċċess fiż-żewġ skemi preċedenti, għal darb' oħra qed tiġi mnedija l-skema finanzjarja, li l-għan ewlieni tagħha hu li tagħti spazju lis-Soċjetajiet tal-Banda rispettivi, joħorġu b'inizjattivi u proposti li bihom jagħmlu:

a. Restawr tal-oġġetti/opri li jikkonsistu f'pitturi, arkviji mużikali, pjanċiri, strumenti antiki, standardi, armar, eċċ.
b. Tisħiħ, tisbiħ u restawr tal-infrastruttura eżistenti għal ambjent ta' tagħlim u edukazzjoni mużikali aktar professjonali jew/u sabiex iwettqu l-ħidma tagħhom b'mod aktar effikaċi u aċċessibbli, skont il-liġijiet tal-pajjiż.
c. Jgħinu lis-surmastrijiet, l-assistenti surmastrijiet u għalliema tagħhom fi programmi ta' tagħlim u taħriġ mużikali immirati proprju għalihom ġewwa istituzzjonijiet edukattivi ta' livell terzjarju Maltin, liema programmi ta' studju u tagħlim jkunu organizzati b'kollaborazzjoni mal-Għaqda Każini tal-Banda.
d. Xiri ta' strumentatura bandistika l-aktar dik li ma tantx għadha tintuża jew/u intilfet kompletament u li għandha importanza fit-titjib fl-edukazzjoni mużikali.
e. Restawr ta' armar eżistenti b'mod partikolari dak l-armar li huwa antik u għandu bżonn jiġi restawrat
f. Tisħiħ ta' kollaborazzjoni bejn is-Soċjetajiet tal-Banda f'dak li għandu x'jaqsam mal-bandisti tagħhom
g. Jsaħħu s-sistemi amministrattivi interni li huma relatati mal-banda u l-bandisti, li dawn ikunu kumplimentari ma' dawk tal-Għaqda Każini tal-Banda.
h. Jimplimentaw proġetti innovattivi li permezz tagħhom jespandu l-attività mużikali kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna, liema attività trid tkun waħda sostenibbli u mhux ta' skambju.
i. Proġetti oħra innovattivi li jkunu relatati ma' din l-iskema.

***ENG***

The Band Clubs Association started back in 1947. The purpose of this Organisation is to take care of the interests of its partners by:

• Supporting and strengthening the relationship between Band Clubs Organisations;
• Assisting in their general needs and deal with problems and difficulties encountered;
• Working to improve the level of teaching and appreciation of musical arts in band clubs in Malta.

The Organisation is purely voluntary and its work leaves no profit from the activities organized by it.

## Financial Help for Band Clubs Scheme

The Malta Arts Council always recognizes the importance of the Band Societies within the Clubs Association Band, not only in fostering musical culture but also in protecting and strengthening the cultural traditions in our country. All this is made primarily on a voluntary basis and thus adds to the ongoing work of these societies, is for the third consecutive year launching the scheme entitled "Financial Help for Band Clubs

Scheme". As part of the Collaboration and Strengthening Implementative Program, this scheme is being administered by the Band Clubs Association with the Malta Arts Council within the same Ministry of Justice and Local Councils.

In many towns and villages, both in Malta and Gozo, the Band societies are an integral part of both social and cultural aspects of our country. The activity of these band societies inside the clubs and their warehouses never stop, apart from their main objective that is always teaching music almost anywhere free of charge to many children and young people, there is the skill and also the art of mantling both the old and even what has been done in recent years mainly used in the occasions during the festive days in the community. It is a fact that these societies are constantly engaged in other activities of such cultural and even traditional such as music concerts, embellishment their clubs and exhibitions at different times of the year. These activities are not only linked with the Catholic holidays, but also others such as, original musical productions, restoration of existing fittings, yearly publications which are all are evidence of how important band societies are within our country. However, the core of their activities remains the feasts which in themselves are the living testimony of the country's culture. The traditional playback of band marches, the beautiful decorations and pyrotechnics and even our sense of community in the feasts are an evidence of the continued commitment of the band societies. Band Societies that are registered with the Office of the Commissioner for Voluntary Organisations, which they do this, for reasons of transparency and good governance where most of them have very nice buildings, with some of them are old carry out various heritages and composed of many items of historical value such as music, instruments, fine decorations and many other things.

The main motive behind this scheme is that once again after the success of the two previous schemes, this financial scheme is again launched to give space to the respective Band Societies for initiatives and proposals which will include;

a. Restoration of the goods / works to such paintings, musical archives, decks, antique instruments, *standardi*, decorations, etc;
b. Enhancement, embellishment and restoration of existing infrastructure from which they can make the music learning and performance environments more professional and / or to carry out their work more effective and accessible and in accordance with the laws of the country;
c. Assisting the conductors, the conductors' assistants and their teacher in a program of education and musical training aimed for them into educational Maltese tertiary level Institutions and what study and teaching programs are organized in collaboration with the Unity Band Clubs;
d. Purchasing a set of Band instruments that are not most commonly used and / or are completely lost and have significance importance in the progress of Band Music;
e. Restoration of existing scaffolding particularly fittings/decorations that it are old and needs to be restored;
f. Strengthening collaboration between Band Societies and their musicians;
g. Strengthening their internal management systems and their band musicians and should be complemented to those of the Band Clubs Association;
h. Implementing innovative projects that will expand their musical activities both in Malta and abroad in which activities must be sustainable;
i. other innovative projects which are related to this scheme.